**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Gunju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Godwin Scerri**

**Vs**

**Ibrahim Micallef**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Ibrahim Micallef ta' 18-il sena iben Mark u Malika nee Azzouzi, imwieled il-Pieta' nhar is-6 ta' Frar 2000, u residenti gewwa fond numru 25, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 58200(L);

Talli flimkien ma persuna ohra nhar it-18 ta' Marzu 2018 ghall-habta ta' 00:30 ta' filghodu minn gewwa restaurant Quattro Fratelli sitwat fi' Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar:

1) Ikkommetta serq ta' tlett settijiet ta' *televisions* u xorb alkoholiku dan ghad-dannu ta' Fabian enech, liema serq huwa aggaravat bil-mezz, valur u hin;

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin imsemmija qabel, flimkien ma persuna ohra, ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cio diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara na tiskorrix il-valur ta' 1,164.69 ewro izda tiskorri l-valur ta' 116.47 euro ghad-dannu tal-kumpanija Bodesr ltd;

3) Akkuzat ukoll talli fid-data u hinijiet imsemmija qabel, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation u dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u li kien gie deciz kontrieh nhar il-11 ta' Lulju, 2017 minn Qorti tal-Magistrati (Malta);

4) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Ibrahim Micallef bhala recidiv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan Ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-25 ta' Gunju 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 263, 267, 279(a), 289 u 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin taht supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28 G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' ordni ta' trattamanet ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**